MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 29/2005

**Citadel Insurance plc – C113 – kif surrogata fid-drittijiet ta` l-assikurata taghha Anne Mary Vassallo Gatt sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Anne Mary Vassallo**

**vs**

**Carin Construction Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Jannar, 2005 fejn intalab sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` Lm253 illum ekwivalenti ghal Euro 589.33c rapprezentanti valur ta` danni sofferti mill-atturi fil-vettura ta` l-ghamla FIAT Punto bin-numru ABG 040 u kawzati meta l-istess vettura kienet parkeggjata f'The Strand Gzira biswit sit fejn is-socjeta` konvenuta kienet qieghdha tahdem fuq xoghol ta` kostruzzjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 21 ta` Lulju, 2004 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 24 ta` Jannar, 2005 fejn ikkontestat it-talba attrici in vista tal-fatt li fid-data in kwistjoni cioe` fit-18 ta` Frar, 2003, l-istess socjeta` ma kinietx qieghdha taghmel xogholijiet ta` konkos fuq is-sit fejn kienet qed tahdem fix-xatt ta` tas-Sliema. Fit-tieni lok jirrizulta li l-interpellanza inizjali u l-avviz odjern gew intavolati minn nies differenti. Gew ukoll ikkontestati d-danni reklamati filwaqt li allegat li qatt ma rceviet l-ittra ufficcjali tal-21 ta` Lulju, 2004.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra.

L-attrici spjegat li l-vettura in kwistjoni tappartjeni u tinsab registrata fuq ommha Rose Marie Bonello u hija assikurata fully comprehensive mas-socjeta` attrici filwaqt li l-ammont ta` l-excess kien thallas minnha. Hija tispjega li din il-vettura kienet ipparkeggjata barra d-dar taghha gewwa 72, The Strand Sliema biswit sit ta` kostruzzjoni fejn kien hemm ukoll armat crane ghal zmien twil. Darba minnhom hija ssib il-vettura taghha mimlija ticpis ta` ciment u kwindi marret taghmel rapport l-ghassa fuq dan l-akkadut. Building site fejn il-vettura taghha wahda kien hemm u hi hadet ukoll in-numru tal-crane.

Gew ezaminati d-dokumenti zebiti man-nota ta` l-atturi datata 17 ta` Jannar, 2007, inkluz il-korrispondenza skambjata fejn mill-bidu nett is-socjeta` konvenuta kkontestat il-pretenzjonijiet imressqa stante li fiz-zmien in kwistjoni ma kien qed isir ebda xoghol ta` konkos fuq is-sit in kwistjoni.

Gie notat pero` li s-socjeta` konvenuta ghalkemm inghatat diversi opportunitajiet sabiex tissostanzja u ggib il-provi taghha dwar tali kontestazzjoni fid-dawl tax-xhieda

moghtija minn Anne Marie Vassallo Gatt hija naqset li taghmel dan.

Illi fil-fatt il-kawza kienet ilha differita ghal provi tas-socjeta` konvenuta mis-seduta tas-7 ta` Marzu, 2007.

Illi in vista tal-premess ghalhekk dan it-Tribunal ghadda biex jiddeciedi fuq il-provi migbura.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, kwindi jilqa` t-talba attrici, jiddikjara li s-socjeta` konvenuta kienet unikament responsabbli ghal hsarat kawzati fil-vettura in kwistjoni u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta` Euro589.33c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------